

Motivi invokati

- Ksur tal-Artikolu 165(1) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u l-Artikoli 32(f) u 39(5) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/625;
- Ksur tad-dritt għal smiġħ xieraq u l-obbligu ta' motivazzjoni skont l-Artikolu 94(1) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Rikors ippreżentat fit-12 ta' April 2021 – Lea Nature Services vs EUIPO – Debonair Trading Internacional (SO...?)**(Kawża T-196/21)**

(2021/C 217/73)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet*Rikorrenti:* Lea Nature Services (Périgny, Franza) (rappreżentant: F. Drageon, avukat)*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Debonair Trading Internacional Lda (Funchal, il-Portugall)**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO***Proprietarju tat-trade mark kontenzjuża:* il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* it-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea SO...? – Trade mark tal-Unjoni Nru 17 473 513*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-11 ta' Frar 2021 fil-Każ R 1235/2020-4**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tordna lill-konvenut u lill-parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell ibatu l-ispejjeż li ġarrbu matul il-proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali.

Motivi invokati

- Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
- Ksur tal-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.